

# *San Gejtanu fil-Parroċċa ta' Santa Mairia ta' Ħ'Attard.*

*Minn John Micallef*

Din is-sena se mmorru sa Ħ'Attard, eżattament fil-Parroċċa antika ta' *Santa Marija Tiela' s -Sema*, fejn insibu lil San Gejtanu għal darb'oħra jagħmel parti minn kwadru f'din il-knisja.

Fuq in-naħa tal-lemin ta' l-Artal Maġġur, insibu l-artal tal-**Kurċifiss**. Dan il-kwadru li kien ġie restawrat fl-1957 mis-Sur Frank Borg, huwa xogħol Malti ta' Francesco Xerri li sar fis-Seklu XVIII (18). Naturalment il-Kurċifiss jiddomina il-kwadru. Fuq ix-xellug, f'riġel is-salib naraw lil San Ġwann Battista, oriġinali bil-mantell aħmar fuq il-libsa tal-ġild, fuq irkobba waħda jħares b'qima lejn Kristu msallab. San Franġisk t'Assisi qiegħed g]arkobbtejh fuq il -lemin, imil f'adorazzjoni sabiex ibus riġel Kristu. F'nofs il-kwadru isfel, il-pittur sab post żgħir biex jinkludi lill-Anġlu Kustodju. **San Gejtanu** narawh wara San Franġisk fuq il-lemin. Tidher tlett kwarti tal-figura tiegħu. San Gejtanu qed jurina l-ktieb bil-messaġġ tal-Vanġelu u jidher iżomm il-ġilju – iż-żewġ simboli tal-Qaddis tagħna. San Gejtanu narawh liebes l-istola fuq is-suttana bl-għonq imtella' 'l fuq, hekk kif kienu jilbsu l-qassisin dak iż-żmien tas -Seklu 16. Naturalment nieħdu idea ta' dan l-ilbies permezz tal-arti mprezzabbli li ħallewlna missirijietna.

Is-sena l-oħra, hekk kif il-knisja kienet qed tiżżarma wara l-festa ta' Santa Marija, ħadt l-opportunita' biex niġbed ritratt ta' dan l-artal mingħajr gandlieri. Dan għaliex quddiem San Gejtanu eżatt dejjem ikun hemm gandlier li kważi jagħttieh peress li qiegħed fil-ġenb. Għalhekk qajla tajt każ biex nistudja l-kwadru sewwa. Ma sibtx kif il-Qaddis tagħna spiċċa ġo Ħ'Attard, forsi l-benefattur tal-kwadru nkludiħ permezz ta' xi wegħda ?.

Xi ftit snin ilu kont qed nitkellem mas-Sur Raymond Said, is-sagristan dedikat ta' din il-parroċċa dwar il-kwadri. F'ħin minnhom qalli '*Dan il-Qaddis tagħkom tafx, kif ma ndunajtx bih* !'. U tabilħaqq hekk kien ġrali. Xi ġimgħatejn wara din it-taħdita, kont tkellimt fuq it-telephone mas-Sur Carmelo Mallia, awtur fuq l-istorja ta' Ħ'Attard. Għalhekk xtaqt ngħid xi ħaġa fuq din il-knisja żgħira, iżda sabiħa ta' Ħ'Attard.

F'din il-knisja nsibu xogħlijiet oħra Maltin li saru fis-Sekli 18 u 19, bħal per eżempju : l-Artali ta' **Santu Rokku** ta' Ġużeppi Calleja, **Madonna tad-Duluri**, l-kwadru sabiħ tal-**Madonna tal-Konsolazzjoni** jew **taċ-Ċintura,** il-**Madonna tar-Rużarju,** tal-**Madonna tal-Karmnu –** kollha tas-Senglean Francesco Zahra, tal- **Qalb Mqaddsa ta' Ġesu'** tas-Seklu 19, il-kwadru ta' **Maria Immakulata** ta' Fra Luqa Garnier, u finalment xogħol Malti wkoll huwa l-kwadru titulari ta' **Santa Marija Tiela' s-Sema** ta' Pasquale Buhagiar li sar fl-1725. Dan il-kwadru ta' l-Assunta, jien inxebbħu ma kwadri oħra ta' l-Assunta li jinsabu fil-parroċċi ta' Ħal Balzan u l-Mosta.

## Ħarsa qasira lejn l-oriġini ta' din il-Parroċċa

Din il-knisja ta' l-Assunta fir-raħal ta' Ħ'Attard, tmur lura għall-1575, (jiġifieri ftit wara l-Assedju ta' Malta), meta saret parroċċa. Kienet l-ewwel knisja li nqatgħet mill-parroċċa ta' Birkirkara. Dak iż-żmien kien hemm xi ftit 'l fuq minn 600 ruħ !. Darba waħda, xi nies minn Ħ'Attard (Seraċini) semgħu li l-Isqof ta' Malta tela' r -Rabat. Għalhekk numru ta' nies marru bi ħġarhom fit-triq li tagħti għar-Rabat biex jilqgħu lill-Viżitatur Appostoliku l-Monsinjur Pietru Dusina nieżel lejn Birkirkara mill-Kunvent ta' San Duminku. F'din il-laqgħa qasira li saret barra, huma talbuh sabiex ikollom il-knisja tagħħom peress li kellhom 'l bogħod wisq għal Birkirkara. Il-Mons. Dusina laqa' t-talba tagħhom mill-ewwel. Għalhekk, permezz ta' l-Arkitett u Skultur Tommaso Dingli, wieħed mill-aħħar arkitetti tar-Rinaxximent f'Malta, bdew jaħsbu għal knisja tagħhom. Is-Sur Dingli kien minn Ħ'Attard ukoll u qiegħed midfun f'din il-knisja. Din il-knisja għadha ntatta kif inbniet oriġinarjament. Bħalissa qed jitfassal pjan sabiex isir restawr bil-galbu fejn fuq il-faċċata nsibu skultura mill-aktar fina fil-ġebla Maltija.



Il-vara titulari ta' Santa Marija hija sabiħa ferm, xogħol Franċiż ta' l-iskola ta' Raffl Ignaz tas-Seklu 19, li saret eżattament fl-1874.

Għalhekk nistgħu nikkonsidraw li l-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard (1575) hija t-tieni waħda l-aktar antika f'Malta b'dan l-isem, wara dik tal-Gudja fl-1436. Il-bqija, il-Parroċċi ta' Santa Marija f'Malta, kollha saru wara, Ħal Għaxaq fl-1626, Qrendi fl-1618, Imqabba fl-1607, Ħad-Dingli fl-1615, l-Imġarr fl-1898 u l-Mosta fl-1608. Qed inġib ir-ritratt tal-kwadru li xtaqt li ġie aħjar, iżda dak iż-żmien kienu jpittru fuq l-oskur u kellhom drawwa wkoll li l-kwadri jtuhom iż-żejt fuq it-tila, allura parti minnu ġie jleqq peress li hemm tieqa fl-għoli faċċata tiegħu.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn

**Cauchi Joseph Ironmongery**

9, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Ħamrun

Tel: 21222737